**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 23 ta' Jannar 2018**

**Rikors Guramentat Numru:- 4/2016JVC**

**Robert Grima**

**vs**

**Valerie Rotin**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li ppremetta:

Illi fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u erbatax (2014) ghall-habta tas-siegha u ghaxar minuti ta' filghodu (1.10am) waqt li l-attur kien ghaddej fi triq principali bl-isem ta' Triq Papa Gwanni Pawlu II, Rabat, Ghawdex isuq il-mutur tal-ghamla Hyosung Karion bin-numru ta' registrazzjoni LCM 279 huwa kien involut f'habta ma' vettura misjuqa minn Valerie Rotin tal-ghamla Maruti 800 bin-numru ta' registrazzjoni

JBE374 u dana peress li l-konvenuta ghamlet manuvra azzardata u perikoluza meta baqghet hierga minn fuq stop sign minn go side street bl-isem ta' Triq il-Hamimiet ghal Triq Papa Gwanni Pawlu II bil-konsegwenza li l-habta tal-mutur mal-vettura tal-konvenuta kienet wahda nevitabli;

Illi l-attur wegga' gravament minhabba dan l-impatt tieghu u sal-lum ghadu jsofri l-konsegwenzi ta' dan l-incident;

Illi dan l-incident gara unikament minhabba traskuragni grassa, negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta Valerie Rotin fis-sewqan taghha;

Illi minhabba dan l-incident ir-rikorrenti sofra danni ngenti konsistenti sew f'danni materjali u kif ukoll telf ta' qliegh futur minhabba debilita' fizika permanenti;

Illi l-konvenuta minkejja li giet interpellata diversi drabi sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mir-rikorrenti hija baqghet inadempjenti.

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-incident oggett ta' dan ir-rikors guramentat gara unikament tort u htija tal-konvenuta u dana kagun ta' sewqan negligenti, traskurat, b'imperizja u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenuta;

2. Tillikwida d-danni kollha konsegwentement sofferti mill-attur, liema danni huma kemm dawk emergenti kif ukoll *lucrum cessans*;

3. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tas-sbatax (17) ta' Settembru elfejn u erbatax (2014) (ittra numru: 495/2014) u dik ipprezentata kontestwalment ma' din il-kawza kontra l-konvenuta, u bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa tinsab imharka.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta illi eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur, u dan peress li ghall-kollizjoni in kwistjoni huwa unikament responsabbli l-istess attur Robert Grima li fil-mument tal-kollizjoni kien qieghed isuq b'mod traskurat, negligenti, imprudenti, u naqas milli jhares ir-regolamenti tat-traffiku;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Rat u semghet l-affidavits, xhieda, dokumenti u l-atti kollha esebeti;

Accediet fuq is-sit tal-incident nhar l-1 ta' Dicembru, 2016 u hadet konjizzjoni tal-istess;

Rat illi fil-verbal tal-5 ta' Ottubru, 2017 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti.

Rat l-atti kollha;

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Illi l-fatti fil-qosor fil-kaz odjern huma li l-attur Robert Grima fl-ghodwa tas-27 ta' April 2014 ghall-habta tas-siegha u hamsa ta' fil-ghodu (1.05am) wara li kien spicca mix-xoghol fix-xatt tal-Imgarr kien qed isuq il-mutur tieghu tal-ghamla Hyosung Karion bin-numru ta' registrazzjoni LCM279 minn Triq il-Papa Gwanni Pawlu II, Rabat, Ghawdex direzzjoni San Lawrenz u cioe' t-triq li mir-Rabat twassal ghall-irhula ohra bhalma huma San Lawrenz, l-Gharb u Ta' Pinu. Jirrizulta li f'mument minnhom x'hin l-attur wasal f'salib it-toroq ma' Triq Hamimiet ftit qabel il-logog fi triq lejn Ta' Pinu li kien qed isuq fiha l-istess attur sehhet habta ma' vettura ohra tal-ghamla Maruti bin-numru ta' registrazzjoni JBE374 misjuqa mill-konvenuta u li kienet hierga mill-imsemmija Triq Hamimiet. Fil-habta l-attur Robert Grima tar minn fuq il-mutur u spicca fl-art tant li kellu jigi rikoverat l-isptar u huwa jsostni li sofra debilita' permamenti.

Illi l-attur isostni li l-incident awtomobilistiku hawn fuq deskritt sehh unikament b'tort, negligenza, traskuragni u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta, w'ghalhekk fin-nuqqas ta'

ftehim mas-socjeta' assikuratrici tal-konvenuta cioe' Citadel Insurance u mal-istess konvenuta kif jirrizulta mill-korrispondenza esebita, l-attur intavola l-kawza odjerna sabiex il-konvenuta tigi dikjarata unikament responsabbli ghall-incident *de quo* u jigu likwidati d-danni dovuti mill-konvenuta lill-attur.

Illi min-naha taghha l-konvenuta tikkontesta l-pretensjonijiet tal-attur u ssostni li l-incident in kwistjoni sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni, imperizja, u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attur, partikolarment ghaliex kien qieghed isuq b'velocita' eccessiva.

Illi din il-Qorti rat il-provi kollha mressqa fl-atti in partikolari n-numru ta' versjonijiet li taw il-partijiet fir-rapport tal-pulizija dwar l-incident, fl-atti odjerni kif ukoll fl-atti kriminali dwar l-istess incident kif ukoll rat il-versjonijiet moghtija mill-passiggiera xhud okulari li kienet riekba mal-konvenuta u cioe' Roberta Mizzi, liema versjonijiet din il-Qorti ser tidhol fid-dettal taghhom aktar 'il isfel f'din id-decizjoni.

Semghet ix-xhieda tas-surgent PS 1061 Justin Zammit (fol. 61 et seq) li mar fuq il-post tal-incident li esebixxa wkoll ir-rapport shih tal-incident (fol. 70) flimkien mal-iskizz redatt minnu stess (fol. 69) wara li gabar id-dettalji minn fuq il-post tal-incident bl-ghajnuna ta' PC 1070 Florian Farrugia (fol. 103 et seq). Dawn ix-xhieda kkonfermaw li huma marru fuq il-post tal-incident ftit minuti wara sehh l-incident u li meta marru fuq il-post gia kien hemm terzi persuni oltre l-partijiet.

Rat l-affidavit ta' omm l-attur Luigia Grima (fol. 23) li izda ma kinitx fuq il-post meta sehh l-incident u accediet wara, ta' mart l-attur Monica Grima li ma accedietx fuq il-post (fol. 116 et seq) u xehdet biss dwar il-kundizzjoni tal-attur wara l-incident u bhala rizultat tal-incident, ta' Joseph Grech (fol. 25) li ghadda minn fuq il-post tal-incident wara li dan sehh u x-xhieda ta' Christian Grima (a fol. 53 et seq) li waqaf fuq il-post ftit minuti wara li sehh l-incident u ra lill-attur mixhut mal-art mugugh, kellem lill-attur  u gie mitlub mill-attur jitfi l-mutur tal-attur (fol. 205) apparti li ntalab ukoll jghinu sabiex l-istess mutur jingabar minn fuq il-post.

Rat ukoll ix-xhieda ta' Charmaine Rotin (Fol. 178)  oht il-konvenuta li kkonfermat li hija hadet diversi ritratti tal-vetturi kif waqfu wara l-incident u li jinsabu esebiti a fol. 170 sa 177 tal-process.  Rat ukoll ir-ritratt tal-inkrocju fejn sehh l-incident esebit a fol. 22 tal-process kif ukoll ir-ritratt mill-ajru tal-istess inkrocju esebit a fol. 24 tal-process filwaqt li izda tiddikjaral li mhix qed taghmel taghha l-marki li saru fuq iz-zewg ritratti liema marki saru mix-xhieda li esebew l-istess ritratti.

Rat ir-rapport mediku u x-xhieda tat-tabib ex parte Mr. Raymond Aquilina (fol. 13 u fol. 97 et seq) li kien ukoll it-tabib li assista lill-attur dakinhar tal-incident u rrilaxxa dikjarazzjoni ta' debilita' permanenti fl-attur konsegwenza tal-incident ta' 13%.  L-istess ikkonferma li sa fejn jaf hu l-attur ghamel bejn April u Novembru tas-sena 2014 barra mix-xoghol konsegwenza tal-griehi li garrab.  Rat ir-rapport tal-espert mediku nominat mill-Qorti Mr. Ivan Esposito (fol. 240 et seq) li ddikjara debilita' permanenti fl-attur ta' 10% kif isegwi:

'Is-Sur Grima sofra griehi gravi wara ncident tat-traffiku. Sofra ksur tal-pelvis u qtugh ta' wiehed mill-gheruq ta' l-ispalla tal-lemin. Kellu bzonn jigi operat ghat-tnejn. Ghadu jsofri bi problem, specjalment fl-ispalla. Min-naha l-ohra, ksur tal-pelvis jista' jkollu konsegwenzi serji kemm fuq id-dahar u kemm fuq il-jogi tal-genh (Hips). Fil-fatt, is-Sur Grima ghandu simptomi tat-tnejn. Dan izid ic-cans li jista' jkollu bzonn hip replacement aktar kmieni. Rigward l-ispalla, din ghadha ristretta fil-muvimenti kollha u probabbli li ser tibqa' hekk.

Mill-ezaminazzjoni li saret, jidher car li s-Sur Grima ghandu dizabilita' permanenti u hija l-opinjoni tieghu li din hi ta' ghaxra fil-mija (10%).'

Semghet ukoll ir-rapprezentanti tal-Isptar Generali t'Ghawdex jixhdu dwar il-'file' mediku tal-attur (fol. 45 et seq) u esebew kopja tal-istess kif ukoll rat l-affidavit ta' Mr. Ray Gatt dwar l-operazzjoni li saret lill-attur fl-isptar Mater Dei konsegwenza tal-incident.

Rat ukoll id-dokumenti esebiti mill-attur li jevidenzjaw il-hsara fil-mutur tieghu (fol. 29), spejjez medici tal-attur a fol. 125 sa 128 tal-process u evidenza dwar l-introjtu tal-attur konsistenti fi tliet FS 3's a fol. 108 et seq kif prezentati mir-rapprezentant tal-Human Resources tal-Gozo Channel Limited Warren Grech.

Rat ukoll id-diversa korrispondenza li ghaddiet bejn il-partijiet qabel ma nfethet il-kawza odjerna fosthom ittri ufficjali esebiti a fol. 7, 34 u 52 tal-process.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

1. Illi ghalkemm l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jidhol fid-dettal u f'bosta gurisprudenza dwar liema triq ghandha tigi kkunsidrata bhala dik principali u dik sekondarja fil-kaz odjern, jirrizulta mis-sottomissjonijiet tal-konvenuta li hemm qbil li t-triq li minnha kien ghaddej l-attur hija dik principali u cioe' Triq Papa Gwanni Pawlu II. Anki li kieku ma kienx hemm qbil huwa ovvju f'ghajnejn il-Qorti li Triq Papa Gwanni Pawlu II hija triq principali ghal Triq Hamimiet stante li dik tal-ewwel hija tista' tghid wahda mill-aktar toroq frekwentati f'Ghawdex u tipprovdi access ghall-bosta rhula meta wiehed johrog mir-Rabat, Ghawdex filwaqt li Triq Hamimiet hija 'side-road' li twassal in maggor parti fost l-eghlieqi u mhux ghall-abitat. In oltre kif jidher ukoll mir-ritratt mill-ajru a fol. 24 tal-process filwaqt li fi Triq Papa Gwanni Pawlu II ma hemm l-ebda sinjal ta' waqfien ghall-vetturi ('stop sign') fl-inkorcju in kwistjoni fi Triq il-Hamimiet hemm 'stop sign' qabel ma wiehed jigi biex johrog ghal Triq il-Papa Gwanni Pawlu II. Ghalhekk m'ghandux ikun hemm dubju li t-triq principali f'dan l-incident hija Triq Papa Gwanni Pawlu II minfejn kien gej l-attur min-naha tar-Rabat lejn San Lawrenz filwaqt li t-triq sekondarja hija triq il-Hamimiet minn fejn kienet ipparkjata l-konvenuta u konsegwentement harget ghal fuq Triq il-Papa Gwanni Pawlu II;

2. Illi l-partijiet taw l-ewwel verzjoni taghhom dwar l-incident lis-Surgent li rrediga r-rapport esebit a fol. 70 et seq tal-process kif isegwi:

(i) l-attur li ta l-verzjoni tieghu l-isptar dejjem skont ix-xhieda tas-Surgent Zammit (fol. 61 et seq) qal kif isegwi:

'kont gej mir-Rabat lejn San lawrenz fejn hija harget mis-side street u kien hemm madwar zewg metri quddiemi, u jiena hbatt maghha u tirt min fuq il-vettura taghha.'

(ii) il-konvenuta li tat il-verzjoni taghha fuq il-post tal-incident kif isegwi:

'kont hrigt minn Triq il-Hamimiet direzzjoni lejn ir-Rabat u wasalt hawn u nisma' bum u narah ma' l-art'.

Da parti taghha l-passiggiera Roberta Mizzi skont ir-rapport ikkonfermat dak li qalet il-konvenuta 'same as driver'.

(3) Illi tista' tghid li l-verzjoni tal-attur baqghet konsistenti fil-mori tal-proceduri. L-attur fl-affidavit tieghu jelabora aktar minn dak li qal fir-rapport tal-pulizija fuq is-sodda tal-isptar u jallega li l-konvenuta harget min-naha l-hazina tat-triq u mhux minn fuq l-'istop sign' u anki jallega li hija ma waqfitx fuq l-'istop sign' tant li huwa ra xi zewg metri biss qabel sehh l-impatt ghaliex hargitlu min-naha l-hazia tas-'side-road':

'F'habta u sabta f'xi distanza ta' xi zewg metri, harget il-vettura misjuqa mill-konvenuta Valerie Rotin mis-side l-hazin ta' din it-Triq il-Hamimiet. Biex inkun preciz din la waqfet fuq l-*istop sign* u lanqas harget minn fuq in-naha t-tajba tat-triq minn fejn suppost tohrog . . . Jiena sibtha quddiemi u ma kelli cans ta' xejn lanqas break ma hadt ghaliex id-distanza li harget

quddiem kienet zghira wisq. L-impatt gara f'nofs il-karreggata tieghi direzzjoni Rabat – San Lawrenz.' (fol. 20)

L-istess verzjoni jinsisti fuqha fil-kontro-zami tieghu a fol. 201 et seq tal-process.

Dwar il-kwezit ta' minn fejn harget il-konvenuta, jirrizulta mix-xhieda partikolarment tal-passiggiera li kien hemm maghha li l-vettura tal-konvenuta kienet ipparkjata n-naha ta Triq il-Hamimiet fejn appuntu hemm l-istop sign. Ghalhekk indubbjament malli startjat il-vettura l-konvenuta kienet fuq in-naha t-tajba tat-triq. Din il-Qorti ghandha dubju kemm la darba kienet ipparkjata fuq dik in-naha allura l-konvenuta setghet kellha realment il-possibilita' li taqleb kompletament fuq in-naha l-ohra tat-triq u tohrog kompletament 'wrong-side' kif isostni l-attur izda ghandu jinghad li fl-atti lanqas tressqet prova dwar fejn ezatt kienet ipparkjata l-konvenuta jekk hux 'il isfel mill-inkrocju jew aktar 'il fuq. Jinghad izda li mir-ritratti li gew esebiti a fol. 70 et seq tal-process johrog car li l-vettura tal-konvenuta ghandha r-roti ta' quddiem tal-vettura mdawrin lejn il-lemin tas-sewwieq b'dana li dan jevidenzja li hija ma hargitx dritta izda harget la genba lejn il-lemin probabbilment bl-intenzjoni li taqbad il-karreggjata taghha lejn ir-Rabat. Dawn il-fatturi l-Qorti tqis li jevidenzjaw li probabbilment il-konvenuta mill-posizzjoni tal-parkegg taghha flok telghet dritt ghal fuq l-istop sign harget aktar lejn nofs il-wisgha ta' triq anki ghaliex dik it-triq hija pjuttost wiesgha u sabiex tmur fuq l-istop sign il-vettura trid iddawwarha tista' tghid l-oppost tad-direzzjoni ta' fejn riedet tmur il-konvenuta. Dan huwa wkoll evidenzjat

mir-ritratt a fol. 176 tal-process minn fejn fl-opinjoni ta' din il-Qorti johorgu cari zewg punti:

(i) il-punt tal-impatt bejn iz-zewg vetturi u cioe' fejn jidher il-hgieg lejn nofs it-triq fuq il-lane tal-attur fejn jidher il-mutur;

(ii) fl-istess ritratt jidher il-bini li hemm fuq in-naha tal-lemin ta' triq il-Hamimiet int u hiereg minnha u s-sinjal tal-art fit-tarf tal-istess triq fuq l-istess naha tal-lemin. In vista li Triq il-Hamimiet kif diga' ssemma' hija pjuttost wiesgha anki kif jidher mir-ritratt a fol. 22 u in vista li l-linji bojod li jidhru fuq ir-ritratt a fol. 176 huma dawk immarkati bis-salib blu fuq ir-ritratt a fol. 22 allura huwa car li l-incident sehh fuq dik in-naha ta' Triq il-Hamimiet u mhux fuq in-naha opposta fejn hemm l-'istop sign'.

Minn dak suespost din il-Qorti hija konvinta li mill-provi jirrizulta li l-konvenuta ma hargitx minn fuq l-'istop sign' ta' Triq il-Hamimiet izda harget aktar lejn in-nofs tal-istess triq u harget issuq la genba direzzjoni lejn ir-Rabat u f'nofs il-'lane' tal-attur sehh l-impatt fejn il-vettura tal-konvenuta kompliet iddur u giet thares lejn l-istess 'lane' tal-attur.

(4) Il-Qorti tinnota li fl-istadju ta' rapport il-konvenuta mkien ma qalet lis-surgent li hija kienet waqfet f'xi mument fuq l-'istop sign' qabel ma harget ghal fuq it-triq principali minn fejn kien gej l-attur filwaqt li fl-affidavit taghha zzomm lura milli tghid li waqfet izda biss li hija ccekkjat jekk kienux gejjin karozzi:

'Qabbadt il-karozza minn fejn kont ipparkjajt. Mieghi kien hemm passiggiera din Roberta Mizzi. Qbadt it-triq lura, billi tlajt it-telgha n-naha ta' fejn hemm l-istop impittra fl-art. Jiena ma rajtx vetturi gejjin miz-zewg nahat u b'hekk hrigt minn din is-side street ghat-Triq ta' Pinu cioe' Triq il-Papa Gwanni Pawlu II. Jiena kont fid-direzzjoni lejn ir-Rabat. Nghid li jiena ma kontx rajt anqas dwal gejjin miz-zewg nahat. .... nghid illi qabel hrigt minn fuq l-istop sign kont certa li ma kenux gejjin xi tip ta' vetturi. Dan ghaliex iccekkjat ghal darba darbtejn, kif ukoll lanqas hsejjes ta' vetturi jew dwal, ma rajt gew smajt.' (Fol. 169)

Il-Qorti tinnota wkoll li l-konvenuta ssemmi biss li waqfet fuq l-'istop sign' fl-ahhar paragrafu tal-affidavit taghha, kwazi kwazi qas taf li semmietha f'dik il-parti fejn qed tiddeskrivi l-velocita' li hija harget biha minn Triq il-hamimiet. (fol. 169)

Anki meta mistoqsija dwar mil-liema naha ta' Triq il-Hamimiet hija harget jekk hux minn fuq in-naha tal-'istop sign' jew in-naha l-ohra r-risposta tal-istess konvenuta hija pjuttost imgerfxa u evaziva (fol. 219 u 220):

'Dr. Renata Formosa:

Fil-verzjoni tieghek li tajt lis-Surgent, inti ghidtilhom kont hierga, hrigt minn Triq il-Hamimiet, direzzjoni lejn ir-Rabat, u wasalt hawn u nisma' "BUM". U ma ghidtx li inti hrigt minn fuq Stop Sign, anzi ghidt li kont hierga minn hawn, ma semmejtx Stop Signs.

Ix-Xhud:

Ezatt dak il-hin, dan ftit sekondi wara ta. I mean wara li gew il-pulizija, ftit minuti qabel l-incident staqsieni, **jigifieri hsibthom haduha for granted li hrigt minn fuq Stop Sign** (emfasi tal-Qorti). Jew ghidtilhom hekk, ma nafx, imma jiena kont certa li minn fuq li Stop Sign hrigt. Kont ghadni kemm ingib il-licenzja, jigifieri hundred percent (100%) noqghod attenta.'

Fl-istess affidavit taghha l-konvenuta tesebixxi ritratt fejn skont hi jidhru d-dwal tal-vettura taghha jixeghlu (ara l-paragrafu ta' qabel tal-ahhar tal-affidavit taghha) izda fil-fatt mill-istess ritratt esebit minnha a fol. 170 jidher car li d-dawl principali tal-vettura u cioe' l-fanali ta' quddiem mhux mixghulin. Dan iqajjem dubju serju f'mohh din il-Qorti jekk verament il-vettura tal-konvenuta kellhiex id-dawl tal-fanali mixghulin fil-hin li sehh l-incident. Ir-ritratti li jsegwu wkoll juru l-fanali tal-vettura tal-konvenuta mitfijin izda l-konvenuta lanqas biss indunat b'dan kollu qabel ma esebiethom mal-affidavit u hadet gurament li d-dawl taghha kien mixghul. Dan il-punt inqala' wkoll in diskussjoni fil-kontro-ezami minn fejn hareg car li l-konvenuta ma kinitx konvinta dwar id-dawl tal-vettura taghha stess tant li biddlet diversi verzjonijiet fl-istess kontro-ezami fejn f'parti minnhom tghid li l-vettura taghha kellha buttuna wahda ghad-dawl jew mixghul jew le u konsegwentement tghid li kellha diversi fazijiet izda kkonfermat fuq mistoqsija ta' din il-Qorti li l-vettura taghha ma kellhiex il-facilita' li jinxteghel id-dawl kollu taghha hlief il-fanali principali! (ara fol. 219)

B'kontradizzjoni ghal dak li tixhed il-konvenuta, il-passiggiera li kien hemm maghha cioe' Roberta Mizzi nonostante li xehdet darbtejn fil-qorti kemm quddiem il-Magistrat Dr. Joe Mifsud waqt il-proceduri kriminali kif ukoll quddiem din il-Qorti, fl-ebda mument ma tghid li l-vettura waqfet mill-mument li l-konvenuta startjat mill-posizzjoni ta' pparkjata sakemm sehh l-incident. Veru li din ix-xhud tinsisti f'xhieda minnhom li kienet qed tixghel sigarett jew li qed tfittex il-mobile (ghaliex lanqas fuq dan il-punt ma qablet) u allura ma kinitx tara x'qed jigri, izda sabiex tinduna li vettura waqfet u regghet bdiet miexja ma tridx tkun thares ghaliex thoss jekk waqfitx jew le. Ghalhekk din ix-xhud ma korroboratx il-verzjoni tal-konvenuta.

In vista ta' dak kollu suespost, din il-Qorti tqis li x-xhieda tal-konvenuta fejn f'kummenti evasivi fl-affidavit taghha u fil-kontro-ezami tinsisti li hija waqfet fuq l-'istop sign' qabel harget fit-triq principali mihjiex wahda kredibbli anki ghaliex il-provi cirkostanzjali juru mod iehor. Dan kollu apparti dak hawn fuq espost li din il-Qorti tqis li l-provi juru li l-konvenuta ma hargitx minn fuq l-'istop sign' izda harget aktar min-nofs Triq il-Hamimiet.

(5) Il-Qorti izda nnotat ferm fl-atti ta' dawn il-proceduri b'mod partikolari fid-diversi xhieda tal-konvenuta l-insistenza taghha li hija fl-ebda mument ma rat lill-attur gej qabel l-incident:

(i) Fir-rapport mal-pulizija tghid li semghet 'bum' imbaghad indunat bl-incident;

(ii) Fl-affidavit taghha a fol. 169 et seq tal-process tixhed li ma rat jew semghet xejn:

'fid-daqqa u l-hin jien smajt impatt qawwi mal-vettura tieghi. L-impatt kien tant qawwi li l-vettura tieghi litterament tharket minn kif kienet u bid-daqqa li tani dawwarni kollni kemm jien fil-karreggjata li kont sejra fiha pero' gabni nhares fid-direzzjoni li kont ghadni kif hrigt minnha.'

(iii) Fix-xhieda taghha quddiem il-Magistrat Dr. Joe Mifsud tixhed:

'Hrigt mill-karozza, dawwart, tlajt fuq l-istop sign, harist darba darbtejn, rajt li mhux gejjin karozzi, hrigt sa nofs it-triq u nisma' bumm! . . . u f'nofs ta' triq nisma' bumm! U kien hemm jien u habibti mieghi. Harisna lejn xulxin u dak il-hin, u rajna lil tal-mutur mal-art'

L-assjem ta' din ix-xhieda taghmilha cara kemm il-konvenuta fl-ebda hin ma rat lill-attur gej fit-triq principali qabel ma sehh l-incident.

(iv) A fol. 213 fil-kontro-ezami terga' temfasizza 'ma rajtx l-ebda karozzi, l-ebda dawl, ghamilt il-first u hrigt.'

Min-naha l-ohra l-attur dejjem zamm konsistenti fix-xhieda tieghu fil-process li huwa ra l-vettura tal-konvenuta hierga kwazi mal-impatt, x'hin kien zewg metri 'l boghod minnha u sehh l-impatt. Ghalhekk jirrizulta lil din il-Qorti li l-attur qabel l-incident almenu ra l-vettura tal-konvenuta li kienet hierga minghajr ma waqfet mis-'side-road. Dan tenut kont li l-vettura tal-konvenuta ma setghetx tkun facilment vizibbli minn distanza

twila minhabba l-posizzjoni tat-triq sekondarja ma' dik principali u l-fatt li l-konvenuta harget min-nofs it-triq sekondarja u mhux minn fuq in-naha opposta fejn hemm l-'istop sign'. Ghall-kuntrarju minn fejn harget il-konvenuta l-mutur tal-attur gej mit-triq principali min-naha tar-Rabat kien facilment vizibbli stante li t-triq hija wahda ghad-dritt meta thares lejn ir-Rabat u l-vizjoni hija ferm fit-tul, nonostante dan izda l-konvenuta ssostni li ma ratux u baqghet hierga ghat-triq principali.

Il-konvenuta f'xi partijiet mill-process tallega li hija setghet ma ratx l-attur ghaliex il-mutur ma kellux dawl. Fir-ritratti esebiti l-mutur jidher li huwa mitfi mid-dawl. L-attur fix-xhieda tieghu in kontro-ezami spjega li huwa kien talab lil certu Christian Grima jitfighulu (ara fol. 205). Il-Qorti ma sabet l-ebda prova fl-atti li tikkontradixxi l-pretensjoni tal-attur li huwa kellu dawl mixghul x'hin kien qed isuq u ssibha ferm difficli li f'dak il-hin l-attur ikun irnexxielu jsuq it-triq kollha mill-Imgarr sa wara r-Rabat minghajr dawl.

Illi in oltre l-Qorti rat mir-ritratti esebiti a fol. 170 et seq li l-post fejn sehh l-impatt huwa pjuttost imdawwal tant li hemm diversi fanali fit-triq principali wiehed ezatt fil-parti tat-triq minn fejn kien gej il-mutur dan apparti d-dwal tal-istabbiliment ezatt fil-kantuniera li skont l-istess konvenuta kien ghadu miftuh dak il-hin. Ghalhekk anki li kieku ghall-grazzja tal-argument il-mutur ma kellux dawl (fattur li ma giex pruvat lil din il-Qorti) li kieku l-konvenuta harset kif suppost ghamlet qabel harget ghat-triq hija ma setghetx ma tarax lill-attur gej min-naha tar-Rabat.

Il-konvenuta fis-sottomissjonijiet taghha taghmel hafna emfasi fuq l-obbligu tal-'proper look-out' u taghmel referenza ghall-bosta gurisprudenza f'dan ir-rigward. Fil-fatt minn din il-kazistika jirrizulta li kemm il-'primary road user' kif ukoll is-'secondary road user' ghandhom l-obbligu ghall-'proper look-out' pero' johrog ukoll li s-'second road user' ghandu obbligu u responsabbilta' akbar stante l-fatt li huwa hu li ser jikser il-kors normali tat-traffiku x'hin johrog ghat-triq principali, f'dan il-kaz it-triq tal-attur. Il-Qorti tiskanta kif fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-konvenuta tipprova ssostni li l-attur ma zammx 'proper look-out' meta fil-fatt jirrizulta li almenu l-attur ra lill-konvenuta taqsamlu u taghlaqlu t-triq qabel l-incident izda ma setax jevita l-incident filwaqt li l-konvenut ma ssemmi xejn dwar l-obbligu taghha stess li zzomm 'proper look-out'. Din il-Qorti hija konvinta li kieku l-konvenuta verament zammet 'proper look-out' tad-dintorni qabel ma ddecidiet li tohrog fit-triq principali hija ma setghetx ma tarax lill-attur gej u t-tort tan-nuqqas li tarah jista' biss jigi attribwit lilha u hadd aktar.

6) Illi in vista tal-provi kollha migbura fl-atti u tal-konsiderazzjonijiet kollha suesposti din il-Qorti tqis li l-incident in kwistjoni sehh billi filwaqt li l-attur kien qed isuq fuq in-naha tieghu fi Triq il-Papa Gwanni Pawlu II fid-direzzjoni lejn San Lawrenz, il-konvenuta li kienet ghadha kif harget mill-parkegg taghha fi Triq il-Hamimiet fuq in-naha tal-'istop-sign' baqghet hierga minn nofs Triq il-Hamimiet ghal go t-Triq principali bir-roti mdawra direzzjoni lejn in-naha tar-Rabat b'dana li harget mhux dritta izda ghall-genb tal-lemin taghha minghajr ma zammet 'proper look-out' stante li evidentement ma ratx lill-attur gej ghalkemm kien gej minn triq dritta u b'vizwali twila w'ghalhekk sehh l-incident. Il-Qorti tqis li da

parti tieghu l-attur ma setax jevita l-incident stante li minn fejn kien gej hu l-vizwali ta' Triq Hamimiet hija ferm limitata specjalment jekk il-vettura tohrog min-nofs il-wisgha tat-triq u mhux minn fuq in-naha tal-'istop sign'. Il-fatt li probabbilment il-konvenuta ma kellhiex il-fanali tal-vettura mixghula ma ghenx biex l-attur forsi jinnota li gejja l-vettura minn qabel, liema vettura izda l-attur anki li kieku ra qabel kellu kull dritt li jassumi li ser tieqaf fuq l-'istop sign' izda dan ma ghamlitux. Ir-ritratti a fol. 170 et seq tal-process jevidenzjaw li l-impatt sehh lejn nofs it-triq fuq il-kareggjata tal-attur, li l-mutur tieghu laqat il-vettura tal-konvenuta fin-nofs fin-naha tax-xufiera, liema vettura bid-daqqa jidher li 'it pivoted' fuq ir-roti ta' wara w'ghalhekk giet thares lejn il-'lane' tal-attur konsegwenza anki li r-roti ta' quddiem kienu la genbha lejn id-direzzjoni tar-Rabat. Il-Qorti ma tqisx li l-hsarat fil-vettura kif jidhru fir-ritratti ghax ma tressqet l-ebda prova ohra u l-fatt li din daret fuqha nnifisha jevidenzja li l-attur kien ghaddej bi speed eccessiv u dan ghaliex il-mutur sofra hsara minima hafna fir-rota ta' quddiem u l-hadid li jzomm l-istess izda l-fanal ta' quddiem baqa' ntatt (ara r-ritratti a fol. 211 u 212 u servey a fol. 29). Li kieku l-mutur kien ghaddej bi 'speed' qawwi l-impatt tal-mutur kien ikun ferm akbar u l-hsarat kienu jkunu ferm aktar. Il-vettura tal-attrici daret fuqha nnifisha stante d-daqqa fin-nofs taghha, il-fatt li hija vettura zghira u l-fatt li kienet gia miexja mal-impatt mhux minhabba l-allegat 'speed' tal-attur. Il-fatt li l-vettura tal-konvenuta fi kliem l-istess konvenuta ntfiet mad-daqqa jevidenzja li l-konvenuta (probabbi bil-hasda) telqet il-pedali tal-vettura w'ghalhekk kien aktar facli li din iddur fuqha nnifisha.

Ghaldaqstant in vista tal-assjem tal-provi kollha mressqa u tal-konsiderazzjonijiet kollha suesposti din il-Qorti tqis li t-talba tal-attur li r-

responsabbilta' tal-incident tinkombi unikament fuq il-konvenuta hija gjustifikata u ser tghaddi sabiex tilqa' l-ewwel talba attrici.

**Likwidazzjoni ta' danni:**

Illi ghal dak li huma danni l-attur fis-sottomissjonijiet tieghu ta r-ragunijiet u l-kalkoli tieghu ghall-pretensjoni ta' hlas kemm ta' *Damnum Emergen*s kif ukoll ta' *Lucrum Cessans*. Da parti taghha l-konvenuta ssostni li fi kwalunkwe kaz anki f'kaz ta' dikjarazzjoni ta' responsabbilta' fuqha xorta wahda, skont il-konvenuta, din il-Qorti ma ghandhiex tillikwida danni ghaliex skont hi l-attur ma sofra l-ebda danni, sahanstra lanqas *Lucrum Cessans* konsegwenza tal-incident. Il-konvenuta ssostni li la darba skont hi l-paga tal-attur ma naqsitx (fattur li izda ma giex pruvat fil-Qorti anzi mid-dokumenti esebiti jirrizulta li kien hemm tnaqqis sostanzjali fis-sena 2014 u konsegwentement l-attur kellu jbiddel xogholu minhabba debilita' permanenti) allura l-attur ma ghandu l-ebda dritt ghal somma '*lucrum cessans*'. Il-konvenuta tipprova wkoll tqajjem dubju dwar il-persentagg ta' dizabilita' sofferta mill-attur liema persentagg l-espert mediku mqabbad mill-Qorti Mr. Ivan Esposito attribwih ghall-incident u kwantifikah ghal 10%. Il-konvenuta dwar dan il-punt fis-sottomissjonijiet taghha tallega li l-attur ghazel li jmur lura ghax-xoghol qabel ma kien f'posizzjoni li jaghmel dan (nonostante li l-provi juru li dahal lura xoghol sitt xhur wara l-incident u dahal fuq 'light duties') u ghalhekk dak li huwa sofra, dejjem skont il-konvenuta, mhux konsegwenza tal-incident izda mputabbli lilu. Il-konvenuta ssemmi wkoll bhala raguni ghalfejn skont hi ma huma dovuti l-ebda danni lill-attur l-fatt li r-rapport *ex parte* sar tmien xhur wara l-incident u ppretendiet li dan kellu jsir b'mod immedjat.

Din il-Qorti tikkumenta fuq dan l-ahhar punt li huwa principju maghruf mal-avukati kollha li jipprattikaw fil-kamp in kwistjoni li ebda certifikat mediku ta' dizabilita' permanenti ma jinhareg minn professjonist serju qabel minimu ta' sitt xhur mill-incident appuntu sabiex ikun aktar car dak li ser ikun permanenti u dak mhux fil-vittma. Dan spjegah ukoll it-tabib *ex parte* Mr. Raymond Aquilina fix-xhieda tieghu a fol. 97 tal-process.

**<u>Lucrum Cessans:</u>**

Illi mil-lat ta' gurisprudenza, hu ormai pacifiku li l-principji stabbiliti fil-kawza ewlenija **Michael Butler vs Peter Christopher Heard**[1] li tat origini ghas-sistema tal-'multiplier' ghadhom applikabbli sal-lum il-gurnata. Pero' l-principji enuncjati lura fis-sena 1967 gew tul is-snin aggustati ghaz-zminijiet aktar ricenti.

Fil-kawza **Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et**[2] inghad kif isegwi:

"ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu".

Ghalhekk din is-sistema, ghalkemm mhux neccessarjament infallibli dejjem serviet bhala linja ta' gwida ghall-Qrati taghna, fl-assenza ta' soluzzjonijiet ohra anki ghaliex hu ghaqli li tinzamm uniformita' fis-sentenzi. Madanakollu l-Qrati taghna jikkustodixxu b'rigorozita' l-jedd li japplikaw gudizzju iktar ampju u wiesa' diskrezzjonali sabiex jigi

[1] Appell Civili 22 ta' Dicembru 1967.
[2] Appell Civili 16 ta' Novembru 1983.

zgurat il-gustizzja kemm mad-danneggjat kif ukoll ma' min jitqies responsabbli ghall-hsara u dan huwa permess anki mill-kliem uzat fl-artikolu 1045 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa ghalhekk li l-Qrati Maltin irritenew f'diversi sentenzi li ghandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibbli o meno rigoruzi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti fil-kawza Butler vs Heard. Fil-kawza fl-ismijiet **Savona vs. Asphar**[3] gie ritenut li l-Qrati ghandhom juzaw:

'l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-ligi'

filwaqt li fil-kawza **Emnuel Mizzi vs. Carmel Attard** inghad illi:

'ghandu jintuza bhala bazi wkoll f'dan il-kaz bid-differenza li n-numru ta' snin ghandu jittiehed ghas-snin kollha tal-hajja lavorattiva tal-korrut'

u li

'dejjem ghandu jkun hemm certu elasticita' ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta' probabbilta'. [4]

In oltre, id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, li meta tinghata b'sentenza m'hijiex aktar soggetta ghall-ebda revizjoni. Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realta'.[5]

Il-kwistjoni tal-*multiplier* li normalment jintuza bhala mezz biex it-telf ta'

---

[3] Appell Civili 23 ta' Gunju 1952.
[4] 13 ta' Mejju 2003.
[5] Francis Sultana vs John Micallef et noe, Appell Civili 20 ta' Lulju 1994.

qliegh li jinghata d-danneggjat jigi kalkolat, hija wahda li dwarha l-Qrati taghna f'dawn l-ahhar zminijiet kellhom l-opportunita' li jiflu sew. Kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-*multiplier* bhala:

*'A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue-that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases.'*[6]

Oltre dan, jirrizulta li s-sentenzi ta' dawn l-ahhar snin f'dan il-qasam qed ixaqilbu lejn it-tnehhija ta' skemi rigidi li jistghu jfixklu l-ghoti ta' kumpens misthoqq u xieraq ghac-cirkustanzi. Wiehed minn dawn l-izviluppi hija fil-massimu tal-*multiplier*, fejn ghal numru kbir ta' snin dan ma kienx jaqbez l-ghoxrin (20) sena. Evidentement izda f'hafna mill-kazijiet fejn id-danneggjat ikun ta' eta' zghira dan il-kalkolu ma kienx qed ihalli rizultat gjust u dan ghaliex il-Qorti fit-termini tal-istess artikolu 1045 ghandha tfittex qabel kollox li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara u li terga' tqieghed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel id-dannu subit. Ghalhekk illum huwa accettat u approvat mill-oghla Qrati taghna li l-*multiplier* ghandu jkun jaqbel sewwa mal-eta'

[6] Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), pag. 122.

tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji.[7]

Gie stabbilit ukoll li l-*multiplier* ghandu jibda jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet id-dannu u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni.[8]

In oltre fl-ammont finali kkomputat fid-diskrezzjoni tal-Qorti, l-istess Qorti ghandha thares lejn l-hekk imsejha *chances and changes of life*:

'In-numru ta' snin adottat bhala multiplier m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettativa tal-hajja in generali tad-danneggjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni c-'chances and changes' tal-hajja.'[9]

Fil-principju izda:

"L-iskop tal-hlas tad-danni huwa dak li terga' tpoggi lil min ikun sofrihom fil-posizzjoni daqs li kieku huwa ma gralu xejn".[10]

Illi bil-ghan illi d-danneggjat ikun verament u realment ikkumpensat tad-danni li sofra, u dan apparti l-kuncett ta' *pain and suffering*, fil-kawza fl-ismijiet **Mary Bugeja vs George Agius**[11] inghad illi:

'Il-Qrati fil-pronuncjamenti taghhom dwar il-kriterji li ghandhom

---

[7] Mary Bugeja nomine et vs George Agius noe, -Appell 26 ta' Lulju 1991, Vincent Axisa vs Alfred Fenech et, Prim'Awla 16 ta' April 1991.
[8] Salvatore Mifsud vs. Carlo Camilleri, Appell Civili 16 ta' Novembru 1983.
[9] Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace, Qorti tal-Appell 5 ta' Marzu 1986.
[10] Borg pro et noe vs Muscat, Prim'Awla, 9 ta' Jannar 1973.

[11] Appell 26 ta' Lulju 1991.

jintuzaw biex jippruvaw jaghmlu tajjeb ghall-incertezzi li l-likwidazzjoni ta' danni f'kazijiet simili, dejjem jaghtu lok ghalihom li qatt ma jirrinunzjaw ghall-fakolta' diskrezzjonali taghhom.'

Dik l-Onorabbli Qorti ppronunzjat ruhha li taqbel li ghandu jkun hemm certa elasticita' ta' kriterju ghaliex il-pronunzjament huwa wiehed ta' probabbilta':

'Id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss li meta tinghata b'sentenza mhix aktar soggetta ghall-ebda revizjoni. Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realta'.

Fuq l-istess linja fil-kawza **Emanuel Agius vs Joseph Galea et nomine**[12] inghad illi:

"Il-Gustizzja li taf il-Qorti hija dik li fil-limiti tar-realta' u kemm huwa possibbli, terga' tpoggi l-vittma, ta' kwalsiasi att ingust, fl-istat li kienet qabel. Huwa ngust li f'dawn il-kazijiet, u fejn ir-restituzzjoni fizika tal-gisem u s-sahha tal-vittma tal-att illegali u ngust ta' haddiehor m'huwiex possibbli, ma tassikurax kemm tista' jkun kompensazzjoni adegwata. Altru milli mprevist. L-ezercizzju huwa fuq ir-realta' sakemm hija prevedibbli a bazi ta' statistika u nduzzjoni'.

Illi ghalhekk jidher car li abbazi tal-ligi taghna, il-kwantifikazzjoni tad-danni hija fl-attitudini wiesgha mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm certi principji ghandhom jezistu u fil-fatt jezistu ghas-soluzzjoni tal-istess, dawn izda ma ghandhomx jitqiesu bhala assoluti, u l-Qorti zgur li ma hijiex obbligata li

[12] 11 ta' Lulju 1989.

tapplika l-istess, specjalment meta r-rizultat tal-applikazzjoni taghhom ma jwassalx ghall-kumpens reali u adegwat.

Din il-Qorti ma ghandhiex dubju minn dak li rat fl-atti li d-dizabilita' permanenti li sofra l-attur illimitatu ferm f'dak li huwa jista' jaghmel fil-hajja ta' kuljum kemm fuq il-post tax-xoghol (tant li minn bahri kellu jmur ghall-posizzjoni ohra li tirrikjedi anqas xoghol fiziku cioe' dik ta' 'ticket seller') kif ukoll barra mill-post tax-xoghol (fejn anki xehed korroborat minn martu li lanqas ir-raba ma ghadu f'posizzjoni li jahdem u qed iqabbad lil hutu). Ghalhekk certament ma jistax jinghad li l-attur ma sofra xejn konsegwenza tal-incident anzi spicca limitat ferm f'dak li jista' jaghmel u anki l-aspirazzjonijiet lavorattivi tieghu sofrew daqqa ta' harta konsegwenza tad-debilita' permanenti li sofra.

Illi dwar it-tnaqqis minhabba *lump sum payment* fil-kawza fl-ismijiet **Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe**[13] gie deciz hekk:

'Fir-rigward tar-riduzzjoni ghal-*lump sum payment* il- Qorti... jidhrilha li ... ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghal-*lump sum payment*' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tliet snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data'.

Il-Qorti tal-Appell, fil-kaz **Annunziata sive Nancy Caruana vs Odette**

[13] Prim'Awla, 5 ta' Ottubru 1995.

**Camilleri** deciza fis-27 ta' Frar 2004 iddikjarat illi:

'Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba *lump sum payment* id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relattiv'

Fil-kawza **Joseph Agius v All Services Ltd**[14]:

'f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa (*lump sum payment*) lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni, pero', tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-Qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza.'

Illi fil-kaz odjern l-espert mediku mqabbad minn din il-Qorti ddikjara debilita' permanenti ta' 10% filwaqt li l-espert *ex-parte* ddikjara persentagg ta' 13%. Il-persentagg dikjarat mill-espert tal-Qorti ma giex kontestat permezz ta' periti perizjuri mill-ebda parti. Din il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida ghalfejn ghandha tiddipartixxi mill-opinjoni tal-espert mediku nominat minnha stess w'ghalhekk ser tipprocedi fuq il-persentagg ta' 10%.

Illi ghal dik li hija paga tal-attur din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-konvenuta li hija ghandha tahdem fuq il-paga tal-istess sena tal-incident stante li gie pruvat li din naqset konsiderevolment rizultat tal-incident (liema tnaqqis huwa mertu tal-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti ghal dak li huwa hlas ta' *damnum emergens* aktar 'il isfel). Fl-atti gew

[14] Prim Awla, 2 ta' Gunju 2005.

esebiti wkoll il-pagi tas-sena 2012 u 2013. Jirrizulta li din tas-sena 2013 hija l-aktar paga shiha prossima ghal qabel l-incident w'ghalhekk il-Qorti ser tahdem fuqha bhala bazi. Din tinsab esebita a fol. 113 u hija fis-somma *gross* ta' sitta u ghoxrin elf u disgha u sebghin Euro (€26,079).

Ghal dak li huma *chances and changes* of life din il-Qorti ma taqbilx mal-attur li ghandha tapplika persentagg ta' 20% izda tqis li persentagg ta' 10% anki in vista tal-eta' tal-attur hija aktar milli ekwa u gusta.

Illi dwar is-snin ta' aspettattiva lavorattiva u in linja mal-gurisprudenza aktar recenti tal-Qrati kif hawn fuq kwotati dwar il-*multipier*, il-Qorti tqis li jkun ekwu u gust (kif dejjem ghamlet din il-Qorti f'decizjonijiet precedenti taghha) li tuza n-numru ta' snin li l-attur kien baqalu ghall-eta' pensjonabbli mid-data tal-incident. Stante li dakinhar tal-incident l-attur kellu l-eta' ta' 44 sena (65-44) allura ser tapplika *multiplier* ta' 21.

Dwar it-tnaqqas rizultat tal-*lump-sum payment* din il-Qorti rat li l-ittri legali da parti tal-attur bdew f'Gunju, 2014 u dawn komplew anki fis-sena 2015 fejn anki gew skambjati wkoll numru ta' ittri ufficcjali izda baqa' ma ntlahaqx ftehim. Konsegwentement infethet il-kawza odjerna nhar il-15 ta' Jannar, 2016 cioe' madwar sena u tmien xhur wara l-incident. Il-kawza qed tinqata' llum 23 ta' Jannar, 2018 (ftit anqas minn erba' snin wara l-incident u fi zmien sentejn minn meta giet intavolata). Fic-cirkustanzi u anki in linja mal-gurisprudenza hawn fuq ikkwotata tqis li tnaqqis ta' persentagg ta' *lump sum* ta' 16% jkun wiehed gust u ekwu fic-cirkustanzi.

**Ghaldaqstant il-kalkolu ta' *lucrum cessans* dovut lill-attur jigi kif isegwi:**

**€26,079 x 21 x 10%+ 10% -16%: Total dovut *lucrum cessans* ammontanti ghall-hamsin elf, sitt mija u erba' euro (€50,604).**

**Damnum Emergens:**

Illi da parti tieghu, ghal dak li huma danni emergenti l-attur fis-sottomissjonijiet tieghu jelenka kif isegwi:

**'<u>€295</u>** (mutur) + **<u>€355</u>** (spejjez medici) + **<u>€5827</u>** (telf ta' qliegh fis-sena tal-incident).'

Illi l-hsara fuq il-mutur tal-attur giet kwantifikata fis-survey esebit a fol. 29 ghalhekk is-somma ta' mitejn u hamsa u disghin Euro (€295) hija sufficjentement pruvata.

Illi l-ispejjez medici pretizi gew esebiti rcevuti li jkopru l-istess somma ta' tliet mija u hamsa u hamsin euro (€355) a fol. 125 sa 128 tal-process ghalhekk anki dawn gew sufficjentement pruvati.

Illi dwar il-pretensjoni ta' hamest elef, tmien mija u sebgha u ghoxrin euro (€5827) telf ta' qliegh fis-sena tal-incident din il-Qorti ghamlet referenza ghall-kopji tal-FS3's tal-attur esebiti a fol. 112, 113 u 114 tal-process. Jirrizulta li fis-sena 2012 l-attur kellu paga *gross* ta' sitta u ghoxrin elf, mitejn u sitta u erbghin euro (€26,246) filwaqt li fis-sena 2013 il-paga *gross* kienet ta' *sitta u ghoxrin elf u disgha u sebghin euro* (€26,079). Fis-sena 2014 din nizlet ghal ghoxrin elf, mitejn u tnejn u hamsin euro (€20,252). Jirrizulta ghalhekk li bejn is-sena 2013 u 2014 hemm differenza fil-paga

tal-attur u cioe' l-attur dahhal somma anqas ammontanti ghal hamest elef tmien mija u sebgha u ghoxrin euro (€5,827). F'April tas-sena 2014 sehh l-incident in kwistjoni filwaqt li l-attur isostni fix-xhieda tieghu li huwa dahal lura ghax-xoghol lejn ix-xahar ta' Ottubru w'ghalhekk kien hemm trapass ta' madwar hames/sitt xhur. Apparti minn hekk din il-Qorti fehmet mix-xhieda ta' Warren Grima in rapprezentanza tal-kumpanija Gozo Channel li l-fatt li l-attur dahal lura fuq *light duties* fic-Cirkewwa seta' kien hemm xi tnaqqis fl-ammont ta' *over-time* li kien jahdem l-attur qabel l-incident. Il-Qorti ghalhekk tqis li tressqu provi sufficjenti sal-grad rikjest mil-ligi li jevidenzjaw li s-somma ta' hamest elef, tmien mija u sebgha u ghoxrin Euro (€5,827) nieqsa mill-paga tas-sena 2014 hija rizultat dirett tad-debilita' permanenti li sofra l-attur fl-indicent in kwistjoni w'ghalhekk tikkwalifika bhala danni emergenti li ghandhom jithallsu lill-attur.

**Ghalhekk il-Qorti tqis li gie pruvat lilha mill-attur ammont ta' *damnum emergens* soffert minnu ghas-somma totali ta' sitt elef, erba' mija u sebgha u sebghin euro (€6477).**

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti taqta' w'tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:**

**1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta;**

**2. Tilqa' l-ewwel talba tal-attur Robert Grima u tiddikjara li l-incident oggett ta' dan ir-rikors guramentat gara unikament tort u htija tal-konvenuta Valerie Rotin u dana kagun ta' sewqan negligenti, traskurat, b'imperizja u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenuta;**

**3. Tilqa' t-tieni talba tal-attur u tillikwida d-danni kollha konsegwentement sofferti mill-attur Robert Grima nkluzi dawk emergenti kif ukoll *lucrum cessans* ghas-somma komplessiva ta' sebgha u hamsin elf, wiehed u tmenin euro (€57,081);**

**4. Tilqa' t-tielet talba tal-attur Robert Grima u tikkundanna lill-konvenuta Valerie Rotin thallas lill-attur is-somma komplessiva ta' sebgha u hamsin elf u wiehed u tmenin euro (€57,081) lill-attur Robert Grima rapprezentanti danni kif hekk likwidati minn din il-Qorti.**

**Bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra l-konvenuta.**

(ft.) **Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Magistrat**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**D/Registratur**

**Vera kopja**

**D/Registratur**